MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-16:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 17.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

17.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 17.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

17.2.1 Is-Sindku qal li t-trakk tal-Kerbside qed jopera aħjar mill-Pjazza u tkun idea tajba jekk jibqa jagħti s-servizz minn hemm. Il-Kunsill qabel.

17.2.2 Is-Sindku ppropona data ta' 16 ta' Ottubru fil-5pm għall-Clean up the World. Il-Kunsill qabel.

17.2.3 Is-Sindku qal li l-kont pendenti relatat mas-servizz tal-pulizija fi Triq tal-Qasam, ser jitħallas taħt protest, dan ser isir wara konsultazzjoni mal-Avukat. Il-Kunsill qabel.

17.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-monument ta' San Lawrenz, hu reġa kellem lid-Direttur u hi qaltlu li dalwaqt għandhom jitkomplew ix-xogħolijiet.

17.2.5 Is-Sindku qal li l-kuntratti tal-van sabiex tintuża mill-għaqdiet lesti.

17.2.6 Is-Sindku qal li rigward d-driver għall-van għadna nistennew ħaddiem mill-Ministeru t'Għawdex. Hu kompla jgħid li diġa kien hemm ftehim verbali li jintbgħat driver pero s'issa għadu ma ġara xejn. Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk Kunsilli oħra għandomx driver u s-Sindku wieġeb li iva. Għal issa s-Sindku qal li qed iwassal in-nies personali hu kif ukoll tgħin Sharon Mizzi.

17.2.7 Is-Sindku qal li wara li ilu żmien twil għaddej f'diskussjonijiet dwar l-art fl-iskola biex fuqha nagħmlu ċ-Ċentru Ċiviku informa bi pjaċir lill-Kunsil li rċieva konferma mingħand il-Permanent Secretary Francis Fabri li qed jaqbel mal-proposta li l-art tal-iskola tgħaddi lill-Kunsill.

17.2.8 Is-Sindku ippropona li l-iskeda tal-ġbir tal-borża s-sewda tibqa sal-aħħar ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.9 Is-Sindku qal li hemm bżonn niktbu lil Primary Health sabiex issir manutenzjoni fil-berga. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.10 Is-Sindku ippropona li fid-Dwejra isir design fuq perspex jew materjal simili li meta tħares minnha, tara t-Tieqa tad-Dwejra kif kienet eżiżtenti. Hu qal ukoll li se jipprova jġib fondi sabiex ma tkunx ta piż finanzjarju fuq il-Kunsill. Il-Kunsillier George Camilleri qal li x-xogħol irid isir minn xi ħadd professjonali għax diffiċli tiġi l-istess bħat-tieqa oriġinali. Is-

Sindku qal li propju għalhekk qed jipproponi li ser jibda billi jkellem il-Perit u jimxi minn hemm. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.11 Is-SE qalet li skont id-Direttiva 5/2020, irid jinfetaħ kont bankarju mal-BOV sabiex il-Kunsill jibda juża l-internet banking. Dan ifisser li s-Sindku u l-istaff amministrattiv ikollhom internet key kull wieħed u ssir online banking payments lill-entitatjiet bl-użu ta' dan il-bank account. Dawn jikludu; ħlasijiet, lill-LESA, Lands Authority, License Payments. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.12 Is-SE qalet li intalbet mid-DLG sabiex tagħti l-ammont tal-leave li ser titrasferixxi għas-sena 2021. Is-SE ressqet l-ammont ta' 170 hours biex jiġu trasferiti peress li din is-sena ma kienx hemm ċans jittieħed l-leave peress li kienet bil-maternity u s-sitwazzjoni tal-Covid-19. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.13 Is-SE qalet li fl-uffiċini se jkollna ndaħħlu connection tal-internet ġdida għaliex li juża l-istaff hi l-connection tal-MITA li tisslowja ħafna x-xogħol kif ukoll hi connection limitata. Kunsill qabel unanimament.

17.2.14 Is-SE qalet li t-"*Tender for the Supply of Pots, Trees and Plants, Including planting and maintenance using environmentally friendly materials and practices*" wasal biex jagħlaq u għalhekk irid jinħatar bord tal-evalwazzjoni. Il-Kunsill innomina lill- William Sultana u Sarah Formosa bħala Chairperson u Segretarju rispettivament u bħala evalwaturi; Mario Azzopardi, Laurence Attard u Pauliana Said.

17.2.15 Is-SE għaddiet korrispondenza tal-Wi-Fi for EU fejn ġejna magħżula fil-proġett. Is-Sindku qal irridu naraw jekk l-fondi humiex qiegħdin għal-istallazzjoni biss imbagħad ħlasijiet li jiġu wara irid iħallas il-Kunsill. Hu kompla jgħid li bil-flus naraw nistgħux nagħmlu update tas-sistemi eżiżtenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.16 Is-SE ippreżentat ittra mingħand is-Segretarju tas-St Laurence Club fejn qal li l-kera tal-grawnd fejn qed jittrenja l-grupp tal-atletika tal-Kunsill għoliet minħabba r-restrictions tal-Covid-19. Il-Kunsill qabel li jħallas id-differenza.

17.2.17 Is-SE qalet li intbagħtet kjarifikazzjoni mid-DLG, fejn saqsew rigward il-ħlasijiet overtime tal-ħaddiema klerikali (Carmen Micallef u Sharon Mizzi) – hi fakkret li l-ħaddiema klerikali iridu jaħdmu bilfors bl-over time peress li l-Kunsill jinfetaħ is-Sibtijiet. Hi fakkret li peress li Sharon Mizzi li hi ħaddiema tal-CWS, hi titħallas kull xahar permezz ta' invoice mill-kumpanija. Meta dawn wasal iż-żmien li jitħallsu, hi kienet ippreżentat l-ammont fl-iskeda ta' pagamenti u dawn ġew approvati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament mas-SE.

17.2.18 Is-SE qalet li ħarġet skema SPI 3/2020 - Proġetti Kapitali - Aċċessibilita u Mobilita'. Wara diskussjoni sar qbil li napplikaw sabiex titranġa rampa bil-porfido ħdejn il-pjazza u ssir iktar aċċessibbli, issir sistema diġitali innovattiva ta' signage għall-persuni neqsin mid-dawl, inżidu charging stations għar-roti u jitqassam materjal informattiv relatat mal-proġett.

## 17.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

17.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li t-taraġ tad-Dwejra ma weħilx għaliex ma qablux mal-proposta tal-Kunsill. Is-Sindku qal li se jerġa jkellemhom hu.

17.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li kellmu resident għaliex waqgħu żewġ ħitan tas-sejjieħ ta għalqa li jaħdem hu. Is-Sindku qal li jaf fejn huma u ser imur jieħu r-ritratti sabiex napplikaw biex isiru. Il-Kunsillier Joseph Cauchi kompla jgħid li l-istess persuna talbitu sabiex ikun hemm spazju meta jiġi biex iħott mill-għalqa. Il-Kunsill qabel li fil-każ ta' meta jkollu dan ix-xogħol jingħata tabella tan-no parking meta ikollu bżonn.

17.3.3 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet sabiex meta tiftaħ l-iskema tal-libreriji isiru korisjiet tal-komputer għall-anzjani. Il-Kunsill qabel li minħabba il-Covid-19, mhux għaqli li jiltaqgħu l-anzjani ma xulxin iżda napplikaw meta l-affarjiet jaqilbu għall-aħjar.

17.3.4 Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li peress hi responsabbli tal-annimali f'San Lawrenz, qed iġġib l-ikel mill-Animal Welfare biex tagħti lill-annimali. Hi issuġeriet li fl-avviżi nsaqsu biex naraw min hu interessat li jkun cat feeder. Is-SE fakkret li għandna l-applikazzjoni tal-Lc Care pendenti u għandhom ituna risposta rigward il-fondi dalwaqt.

17.3.5 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa x'ġara rigward dik l-applikazzjoni tad-disabled parking fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadda r-rikjesta iżda issa għandna nformazzjoni li ma tista' ssir l-ebda naħa tat-Triq.

## 17.4 Post Ġdid għall-Librerija;

17.4.1 Is-Sindku ippropona li l-librerija għandha tingħata uplift u inbiddlu l-post u din tiġi flok l-istor peress li hemm hekk hemm aċċess għall-toilet u sink u probabilment hija ikbar. Is-Sindku qal li jekk hawn qbil, hekk kif toħroġ xi skema relatata japplika. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17.5 Użu ta' Funds;

17.5.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa rigward il-fondi kollha applikabbli lill-Kunsill inkluż; Sebbaħ il-Lokal, Planning Gain Funds u fondi oħrajn. Hu kompla jgħid li irridu naħdmu ftit fuq il-proġetti pendenti ħalli naraw x'jaqa' taħt id-direttivi l-ġodda li issemmew fil-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17.6 CCTV fid-Daħla tar-Raħal;

17.6.1 Is-Sindku qal li kellmu resident li qallu lest li jħallas għall-camera fid-daħla tar-raħal. Il-Kunsill qabel li peress li din hija triq arterjali jikkomunika din il-materja mall-Ministeru għall-Għawdex.

## 17.7 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel u t-Tieni Kwart;

17.7.1 Is-SE ressqet ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel u t-Tieni Kwart għall-approvazzjoni. Dawn ġew approvati.

## 17.8 EMW u Permanent Measures;

17.8.1 Is-SE qalet li reġgħew fetħu l-applikazzjonijiet għall-European Mobility Week u l-Permanent Measures. Is-Sindku ippropona li nieħdu sehem fil-EMW u il-Kunsill qabel mal-events kif kienu ippreżentati.

Is-Sindku issuġerixxa li nieħdu sehem fl-applikazzjoni tal-Permanent Measures kif għamilna snin qabel u saħansitra irbaħna. Is-Sindku issuġerixxa li nqabbdu kumpanija speċjalizzata f'dawn l-applikazzjonijiet. Is-Sindku ippreżenta l-ideat tiegħu għall-applikazzjoni li tinkludi trakk tal-elettriku li jintuża mill-bdiewa, u l-Kunsill, iktar roti, charging stations fost oħrajn. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti kollha.

## 17.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

17.9.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 17.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 22 ta' Ottubru 2020 fil-17:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv